## TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni numru 3040

**Każ numru 4151/JHP**

**Fil-kwistjoni tax-xogħol**

**bejn**
**Dimitrova Hristova Ani**
**( KI Nru0185433A)**
**U**
**I.Stage Limited**
**(C- 71459)**

**dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta**

**Chairman: <u>James Henry Pearsall</u>**

**Illum 9 ta' Diċembru 2024**

**(1) Ir-riferenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors ppreżentat lit-Tribunal Industrijali minn Dimitrova Hristova Ani fit 3 ta' Marzu 2023.

Dimitrova Hristova Ani, tispjega li hija kienet impjegata ma I.Stage Ltd bħala 'Chief Operating Officer' hija kienet fuq il-post tax-xogħol tagħha u waqt il-qadi ta' dmirijietha seħħ aċċident u hija weġġħat u kellha tieħu l-injury leave. Hija marret quddiem "l-Injuries Board", fis-26 ta' Ottubru2 2022, fejn hija ġiet iddikjarata bħala "fit to work from home". Hija irritornat lura għax-xogħol fl-1 ta' Novembru 2022, wara li ġiet iddikjarat "fit for work" mill-istess "Injuries board", minħabba li ma setgħetx tirrapporta fl-uffiċċju tal kumpanija konvenuta weħidha minħabba raġunijiet ta' saħħa iċċertifikati. (Rif Art 5 u 6 rikors ippreżentat).
Fit 8 ta' Novembru 2022 hija rċeviet ittra mingħand il-kumpanija konvenuta li kien hemm l-intenzjoni li impieg tagħha mal-imsemmija kumpanija jiġi itterminat, fl-istess ħin li hi kienet qed teseġixxi id-dmirijiet tagħha mid-dar. (Rif Artr 8 rikors )

Għaldaqstant ir-rikorrenti qiegħda titlob li-Tribunal:

(a) Tgħid li it-terminazzjoni mill-impieg tagħha ma saritx għal raġuni tajba u sufficjenti skont il-liġi.
(b) Jordna lill-kumpanija konvenuta sabiex tħallas lir-rikorrent pagament *ex-gratia* tal-inkonvenjenza issib xogħol ġdid wara li ġiet itterminata b'mod inġust waqt li kienet għadha qed tirkupra mill-korriment li sofriet.
(c) Jogħġbu jiddeċiedi u jordna dawk il-miżuri u l-provedimenti kollha meħtieġa li tagħtih il-liġi inkluż l-imposizzjonijiet ta' kumpens xieraq u adegwat skont il-liġi, bl-ispejjeż kontra l-istess kumpanija konvenuta.

Is-soċjetà intimata fir-risposta tagħha, datata 27 ta' April 2023, aċċennat li tikkonferma lir-rikorrent bdiet l-impieg tagħha fil-31 ta' 2022 li kienet għadha taħt "il-probationary period", ta sitt (6) xhur meta seħħ it-terminazzjoni tal-impieg ta' l-istess rikorrenti. Għaldaqstant dak li għamlet is-soċjetà intimata f'dan ir-rigward mhuwiex att li jmur kuntrarju tal-liġi u l-anqas huwa att li seħħ abbażi ta' xi forma jew oħra ta' diskriminazzjoni, u għalhekk it-Tribunal għandu jikkunsidra li kwalunkwe allegazzjonijiet fil konfront tagħha huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

**(2) Ir-rappreżentanza:**
Dimitrova Hristova Ani li minn issa il quddiem ser tissejjah ir-rikorrenti u li kienet assistita mill-Avv: Adrian Sciberras.
Istage Ltd li minn issa il quddiem ser tissejjah is-soċjetà intimata kienet assistita mill-Avv: Luke Dalli mgħejjun mill-Avv: Zack Esmail.

**(2) Il-fatti fil qosor:**
Ir-rikorrenti bdiet l-impieg tagħha permezz ta' kuntratt tax-xogħol fuq bażi permanenti (full time) datat il-31 ta' Mejju 2022, u bidu ta' impieg fil 15 ta' Ġunju 2022. Il-kuntratt kien joffri perjodu ta' prova, (probation) ta' sitt xhur. Il-pożizzjoni li ingħatajt kienet dik ta' Chief Operating Officer, b'doveri amministrattivi/manigerjali. (Rif Doc LD 1).
Fit 18 ta' Awissu 2022 hi ġarrbet inċident fuq il-post tax-xogħol, u li ma kellu x'jaqsam xejn ma l-ezercitazzjoni tad-doveri li kellha u l-anqas ma l-ambjent tal-post. Dan ġie ikkonfermat mill-istess Injury report (Dok A) konfermat mis-soċjetà intimata. Fis-26 ta' Ottubru 2022 ir-rikorrent ġiet iċċertifikata bħala **"Fit for work" u "Fit for work from home"** mill l-istess Injuries Board tad-Dipartiment tas-servizzi Soċjali skont dokumenti ippreżentati waqt il-mori ta' dan il-proċess. Minn naħa tagħha is-soċjetà intimata bdiet tistaqsi lir-rikorrenti meta hija ser tkun disposta sabiex tidhol għax-xogħol minħabba il-pożizzjoni importanti bzonnjuzu fl-ezercitazzjoni tad-doveri tagħha. Minn naħa tar-rikorrenti dejjem sostniet li hi kienet lesta biss li taħdem mid-dar.
F'dan l-istadju, meta ir-rikorrent kienet għadha fil -perjodu ta' prova "Probation" tagħha, is-soċjetà invista li kienet infurmata li r-rikorrent hija **fit for work** iddeċidiet li tinforma lir-rikorrent li l-impieg tagħha ser ikun itterminat, ( ittra 8 ta Novembru 2022) u għalhekk kienet ingħata in-notice skond il-

kuntratt tagħha. Fis-17 ta Novembru 2022 ir-rikorrent ġiet itterminat mix xogħol, u dan, fil perjodu tal-Probation li kien fil-15 ta' Diċembru 2022.

**(3) Lista tax-xhieda:**

Minn naħa tar-rikorrent, xhieda riferuta fir-rikors tad-dikjarazzjoni.
Minn naħa tas-soċjetà intimata xhieda riferuta fir-risposta.

**(4) Lista tad-dokumenti:**

**Rikorrent:** Affidavit Anii Hristova; Dok's A-F inkluz; AH 1-9 AS1.
**Soċjetà Intimata:** Affidavit Charles Magro u Elaine Agius CM1; Doc's EA1; LD1; E.
**Tribunal:** Employment history Job's Plus

**(5) Ġabra tax-xhieda fil qosor:**

**Affidavit Dimitrova Hristova Ani: (Doc AH 1)**

*My work duties as COO with Istage Ltd were outlined in my contract of employment mainly for overseeing the operations of the company___________________________________________I had to directly report to the Managing Director Mr Charles Magro.*

**Affidavit Mr Charles Magro: (Doc CM)**

*___________________Niftakar fit 18 ta' Awissu 2022 kien hemm sitwazzjoni fuq il-post tax-xogħol fejn is-sinjura waqgħet_________________. Għall kull boun fini, tajjeb ngħid li ma kien hemm l-ebda forma ta' nuqqas minn naħa tal kumpanija li seta jikkawza l-inċident innifsu (konferma fl-injury report)Doc D.*

*_______Tajjeb inżid illi l-Medical Injuries Board iddikjara li r-rikorrent hija "Fit for work". Huwa għalhekk illi stennejna lir-rikorrent tattendi fuq il-post tax-xogħol hekk kif ħafna mix-xogħol tagħha jitlob attendenza fiżika fl-uffiċċju. Ftit wara oero ircevejna ittra mill-istess Injuries Board fejn ġie ikkonfermat illi ir-rikkorent hija Fit to work from home..*

**Affidavit Elaine Agius CEO soċjetà intimata (Doc EA):**

*Para 5; Jiena kont ukoll preżenti ghall -inċident fejn is-sinjura Hristova waqghet fuq il-post tax-xogħol, iżda nikkonferma li ma kien hemm xejn li jistakola r-rikorrent fil premises. Dan ġie anke ikkonfermat mis-sinjura Hristova.*

**(6) Trattazzjoni finali:**

**L-Avv: Dr A. Sciberras għar-rikorrent:** Sostna it-teżi tiegħu li ir-rikorrent kienet qiegħda toffri li hi taħdem mid-dar peress li kellha ċertifikat *fit to work from home.* U li ma setax jirrispondi jekk hi kienetx f'pożizzjoni li fiżikament possibbli. Tenna ukoll li id-doveru tar-rikorrent kienu dawk ta uffiċċju.

**Dr. Sciberras,** spjega li impjegat meta jiġi tajjeb għax-xogħol irid jinforma lill0imghallem tiegħu. Hu irrefera li il-liġi ma tistipolax jekk *fit to work from home jew from office u ġab l-eżempju tar remote working.*

**L-Avv: Dr L.Dalli għas-soċjetà intimata:** Spjega li waqt il-perjodu ta' prova **"Probation"** il-partijiet involuti jingħataw ċans jekk jifhmux li jistgħu jaħdmu flimkien, u iż-żewġ partijiet jiddeċiedu huma jekk humiex ser ikomplu. Dr. Dalli reġa' ikkonferma li ir-rikorrent ġiet itterminat waqt il perjodu tal Probation u mhux waqt il-perjodu fejn hi kienet taqa' taħt l-injury leave. Irrefera għal ċertifikat meta hi ġiet iddikjarata Fit for work (Rif Doc B 1/11/2022) li b'dan iċ-ċertifikat ir-rikorrent ġiet imwaqqfa mill-Injury leave , u minn dik id-data baqa' jiddekorri il-perjodu tal prova (Probation).

**L-Avv: Dr A. Sciberras:** għar-rikorrent
*" Imma jiena xtaqtek tispjegali għidt It's causing huge problems in its operations?"*

**Charles Magro Mang Dir ghas-socjeta**:
***"** Bilfors hux, għax dik kienet COO ta, din suppost tqassam ix-xogħol"* (Rif Sed 08/01 2024 pag 6)

**(7) Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:**

(a) It-Tribunal ikkonferma li ir-rikorrenti kienet għaddejja fil perjodu ta' prova (probation).

(b) Għamel riferenza għal-liġi Industrijali Kap 452 fejn toffri il-provedimenti kollha li jkopru dak kollu meħtieġ meta impjegat/a tkorri fuq il-post tax-xogħol. (Rif Art 36(15).

(c) Ra il-kuntratt tax-xogħol tar-rikorrenti fejn innota dak li hemm indikat fl-Art 15 u 16 (i) fejn jitkellem fuq terminazzjoni ta'impieg, kemm jekk notifikat kif ukoll jekk le.

(d) Ikkonferma li ir-rikorrenti kienet ordnata, mill-speċjalista, sabiex ma tattendix għax-xogħol wara l-inċident (Rif Dok AH7), data 18/08/2022.

(e) Għarbel sew l-istanti waqt il-konvalexxenza tar-rikorrenti, permezz ta' istruzzjonijiet Medici mgħotija mit-tobba/ konsulenti lir-Rikorrenti. (Rif Docs AH 1 sa 9 inkluz; u Docs A u B.). Dan sar f'sekwenzi ta' ġimgħat.

(f) Fehem sew l-istruzzjonijiet miktuba mill-konsulent mediku fejn ir-rikorrenti ingħatat dak li kellha bżonn ( walking boot u terapija) sabiex hi tkun tista' timxi anke jekk għall perjodu ta' ħin limitat ( Rif Doc AH3 u 4). Ir-rikorrenti saritilha emfasi sabiex tastjeni mis-sewqan tal-karozza (Dok AH2).

(g) Ra u fehem sew x'gara meta ir-Rikorrenti ġiet iċċertifikata li hi kienet tajba għax-xogħol u fl-istess waqt ġiet konċessa li hi tista' taħdem mid-dar (RifDok B). (Rif Dok B).

(h) Ra u fehem kif ir-Rikorrenti ġiet ittrattata mis-soċjetà intimata, fejn kien ikkonfermat waqt il-proċess li ir-rikorrenti ingħatat u aċċettat, dak kollu li kien dovut lilha, sa l-aħħar ġurnata ta' l-impieg tagħha. (Rif email Dattat 06/06/2024) Ammont ta' 5,692.36 euro.

(i) It-Tribunal ra ukoll l-avvenimenti li ġraw fejn is-soċjetà intimata bdiet tistaqsi ripetutament lir-rikorrent meta kienet biħsiebha tirrapporta lura għax-xogħol wara li ġiet iddikjarata li hi kienet tajba li tidhol għax-xogħol (Rif Certifikat Doc AH6 27/09/2022 ; AH4 04/10/2022 ;AH3 18/10/2022). Wara dawn iċ-ċertifikati indikattivi li hi kienet tajba għax xogħol ħareġ ċertifikat ta' l-injuries Board fejn iddikjara li ir-rikorrent kienet **"Fit for work"** / **"Fit for work from home".** B'dan iċ-ċertifikat ġie ikkonfermat li ir-rikorrent ma baqgħetx aktar fuq il-leave tal-korriment, konsegwentement ġie imwaqqaf il-benefiċċju tal-korriment mgħoti lilha.

(j) It-Tribunali fehem li dawn il-fatti kollha jaċċertaw li ir-Rikorrenti kienet f'pożizzjoni li hi setgħet teżerċita id-doveri tagħha u għaldaqstant awtomatikament jerġa jinvoka ruħu il-perjodu ta' prova **"Probation period".** F'dan il-perjodu setgħu iż-żewġ partijiet jagħżlu li itemmu l-impieg mingħajr ma tingħata l-ebda raġuni, u hawnhekk is-soċjetà għamlet uża minn dan id-dritt.

(k) It-Tribunal ħa konjizzjoni ukoll lir-rikorrenti kienet rċeviet u aċċettat il-pagamenti kollha dovuti lilha sad-data tat-terminazzjoni mill impieg tagħha ( Rif email data 06/06/2024, ta' Dr Sciberras ippreżentat lit Tribunal ).

(l) It-Tribunal innota ukoll lir-rikorrent kienet sabet impieg ġdid, mhux mid-dar, ftit ta' ġimgħat wara mit-terminazzjoni tagħha. (Doc Job's Plus data 21/02/2024).

**(8) Deċiżjoni:**

It-Tribunal Industrijali, ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-każ kif ippreżentati miż-żewġ partijiet, żamm għaxar(10 ) seduti, sema ix-xhieda mressqa miż-żewġ naħat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa inkonsiderazzjoni ta' l-argumenti kif ippreżentati fit-trattazzjoni finali.
Ma kienx possibbli li it-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-liġi minħabba numru ta differiment mitluba minn żewġ partijiet kif ukoll ċirkustanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

It-Tribunal Industrijali filwaqt li huwa Tribunal tal-fatti iżda irid ukoll isegwi il-liġi, għaldaqstant ra il-kuntest kollu tal-każ fejn is-soċjetà imxiet mar-rikorrent b'responsabiltà f'dawk li huma obbligi lejn l-impjegati, wara li hi kellha l-inċident fuq il-post tax-xogħol. F'dan il-każ partikulari is-soċjetà kienet infurmata, mill-injuries board, li r-rikorrenti kienet **Fit for work** u wara **Fit for work from home.** Fl-ebda ħin, ir-rikorrenti ma ġiet iċċertifikata **Unfit for work**, kieku id-deċiżjoni ta' l-Injuries Board kienet hekk, min iħaddem kien ikollu obbligi oħra skont il-liġi.
Is-soċjetà intimata bid-deċiżjoni ta' **Fit for work** kull ma għamlet segwiet il-liġi u ma kellhiex triq oħra ħlief dik biss li tikkonsidra lir-rikorrenti kienet tajba għax-xogħol, ma baqgħetx, la fi stat ta' injury u l-anqas sick leave. Għaldaqstant, is-soċjetà applikat dik it-triq loġika li issa ir-rikorrenti setgħet tkompli taħdem, u dan kien qed iseħħ waqt il-perjodu tal-prova (**probation**). Kien hawn li is-soċjetà intimata waslet għad-deċiżjoni skont l-esiġenzi tagħha.

Is-soċjetà intimata, qabel ma ħadet id-deċiżjoni tagħha, kull ma kienet qed titlob kien biss li tkun taf meta, ir-rikorrenti, kienet se terġa lura fuq il-post tax-xogħol, iżda minn naħa tar-rikorrenti kien hemm biss insistenza li taħdem mid-dar u tagħmel biss doveri parzjali. Għas-soċjetà intimata dan ma kienx aċċettabbli, minħabba l-importanza tar-rwol tagħha li kellu doveri komprensivi aktar minn dawk ta' xogħol biss ta' uffiċċju.

It-Tribunal Industrijali fehem, li f'dan il-każ, il-punt kardinali kien, li r-rikorrenti kienet fil-perjodu ta' prova u ma kienetx **Unfit for work**, għax li kieku kien hekk, is-soċjetà intimata kienet tkun obbligata li tidderieġi ruħha skont il-liġi Art 36(15) tal Kap452.

Għaldaqstant is-soċjetà intimata, fiċ-ċirkustanzi, kull ma għamlet biss użat dak li tagħtiha il-liġi fil-perjodu ta prova, ħadet il-pass iebes li titterminalha l-impieg.

It-Tribunal Industrijali jaqta u jiddeċiedi li mill fatti kollha kif evolvew, it-terminazzjoni tar-rikorrenti saret għar-raġuni ġusta u skont il-liġi.

B'hekk jintemm dan il-każ.

(iffirmat)
**James Pearsall**

**Chairman** **Vera kopja** **Graziella Borg**

**Għas- Segretarju**